**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 88/07**
Il-Ħamis 29 ta' Novembru 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

88.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
88.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
88.5 Rapporti;
88.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 73/07;
88.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
88.8 Mozzjonijiet
88.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 88.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

## 88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 87/2018 tal-25 ta' Ottubru 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-Perit Mintoff is-sitwazzjoni kienet ftit jew wisq l-istess hekk kif irrapurtat fil-laqgħat preċedenti. Żied jgħid is-Sindku li saħansitra kien din il-ġimgħa tal-laqgħa li bgħatlu messaġ imma hu kien baqa ma wieġux. Perit Mintoff

**ii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li nkelmu l-avukat. Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li konna għadna qed nistennew mingħand Infrastructure Malta dwar il-bidu tax-xogħol fuq it-toroq Zejtun u Sorijiet. Toroq Zejtun u Sorijiet – Minn Infrsastructue Malta

**iv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu nxtraw l-boroż tar-riċiklaġġ mingħand il-GREENPAK u kienu qed jitqassmu. Xiri ta' Boro ħodor

**v.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**v.i.** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**vi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq tal-bus shelters kienet saret il-laqgħa fl-uffiċini tal-AKL u waqt din il-laqgħa kien ġie deċiż li kellha ssir laqgħa mal-Kunsilli individwalment. Sadanittant is-Sindku Paul Farrugia qal li waqt din l-istess laqgħa kien qajjem punt li l-Kunsilli Lokali jafu jkollhom problema minħabba l-perit. Qal ukoll li kien hemm qbil li bħala AKL kienet aċċettat il-ħsieb li tipprovdi servizzi ta' perit għal dan il-għan għall-Kunsilli Lokali kollha. Informa lill-Kunsill ukoll li kien staqsa lir-Rappreżentant tal-FACES dwar il-proċedura għal bdil tal-bus shelter li hemm fejn il-knisja parrokkjali u dan ir-rappreżentant kien qallu li kien setgħa jmexxi. Għaldaqstant is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-futur qarib kien ser imexxi bix-xogħol li kien hemm bżonn isir għal bdil ta' dan il-bus shelter. Il-Kunsill qabel mas-Sindku li kellnammexxu bix-xogħol stipulat. Bus Shelter Triq Palma - Applikazzjoni

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-Bus Shelter ta' Triq Tarxien kien lesta l-applikazzjoni sabiex kif issir il-laqgħa mal-FACES kien setgħa jmexxi. Il-Kunsill qabel li mmexxu bil-proċedura sabiex dan il-bus shelter isir. Bus Shelter – Triq Tarxien

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar jaf li s-Sur Dennis Calleja kien qed jgħix barra. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

ix. Rigward Blokka appartamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat lilhom fil-laqgħa preċedenti. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien kellna noħorġu sejħa għall-offerta ġdida għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass dan għaliex anke t-tielet offerent kien ċeda. Il-Kunsill qabel mas-Sindku sabiex tinħareġ sejħa ġdida. Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

xi. is-Sindku nforma lill-Kunsill li ladarba kienu ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti tal-kuntratti ta' Ġbir ta' Skart Domestiku u Bulky Refuse u dawn issa kienu għalqu, kellu jinħatar il-Bord tal-Għażla. Ġie deċiż li ma' dawn iż-żewġ tenders kienu ser jiżdiedu ż-żewġ tenders l-oħra dik tal-Fencing Gates kif ukoll tal-Open Air Gym. Il-Bord tal-Għażla flimkien mas-Sindku bħala ċ-Chairman u s-Segretarju Eżekuttiv kien ser ikun kompost mill-kunsillieri Frans Agius, Ismael Dalli u Luke Genuis. Tenders Skart Domestiku, Bulky Refuse, Fencing Gates u Open Air Gym

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook nhar -il 15 ta' Mejju 2018. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq FACEBOOK. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża u għal darb'oħra kien reġa ddifferixxa għax kien imsiefer. Kawża l-Qorti

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC jkun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas. Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għad ma kellux risposta dwar l-applikazzjoni għal fondi tal-UIF għal triq il-Kbira. Qal li kien reġa kellem lill-Ministru kif ukoll liċ-Chairman ta' Infrastructure Malta li l-PA kienet qabdet u ddecidiet u għaldaqstant kellom jkelmuhom huma. Dan il-każ kien ukoll reġa tqajjem mill-AKL. *UIF – Triq il-Kbira*

xv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ftit ġimgħat ilu kellu laqgħa maż-żewġ uffiċċjali mill-Ministeru tat-Turiżmu u għaddielhom l-materjal kollu dwar tax-xelter, u daħħal ukoll il-proġett tar-Reġjun. Ameljorament ta' pjazza f'Misrah Brittania

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bankina ta' Triq Wenzu Despott kienet tlestiet. Bankina Triq Wenzu Despott

xvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu twaħħlu l-*gates* protettivi f'Misraħ Buleben. Żied jispjega li pero kien għad jeżisti ftuħ fejn kien hemm il-ħaxix u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jsir *fence* mad-dawra . Il-Kunsill qabel unanimament li jsir ukoll dan il-fence. Xatbiet protettivi u Survey MCCAA

Żied jispjega s-Sindku li kien għamel kuntatt mal-MCCAA sabiex jagħmlu survey fil-playing fields l-oħra fir-raħal sabiex jindikawlna x'kien hemm bżonn

isir.

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien baqa ma kellux risposta mingħand il-kuntrattur tagħna dwar il-ġonna li ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jipprova jsib lill-ħaddieħor. Applikazzjonijeit arloġġ tad-dawl fil-ġonna

Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-BEREĠ kienet saret il-laqgħa organizzata mill-AKL għall-Kunsilli Lokali kollha nhar l-Erbgħa 31 ta Ottubru u għaldaqstant kien qed jipproni li niffirmaw id-Delega lill-AKL sabiex hija titkellem f'isem il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qajjem il-punt li fl-Agreement li l-AKL kienet ser tiffirma f'isem il-Kunsilli Lokali kellu jkun ċar li l-Primary Health kienet ser tgħaddi lill-Kunsilli Lokali d-devoluzzjoni tal-manteniment tal-berġa u mhux il-bini u dan għaliex il-bini ta' fejn qed topera l-Berġa bħalissa hija proprjeta tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien u mhux tal-Gvern u/jew Primary Health Care. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill unanimanet qabel li tiġi ffirmata d-delaga u li niġbdu l-attenzjoni tal-AKL dwar il-punt imqajjem mill-Kunsillier Lawrence Bonavia. *Berġa – Ħal Tarxien*

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu daħlu xi talbiet għall-applikazzjoni dwar *traffic management* mingħand it-TM u li dawn kienu :- Talbiet TM

- Casa Mirandelle – Triq Xintill - Timed alighting and borading bay;
- 1.5 KEEP CLEAR - Binja Żifla, triq Madonna tar-Rużarju;
- Double yellow line - Triq 29 ta' Mejju man-naħa l-oħra ta' garaxx u ħdejn "il-Girna Flats"

**xx.i.** Il-Kunsill iddiskuta dawn il-każijiet u qal li ma kienx isib oġġezzjoni għat-talbiet ta' Triq Xintill u Triq Madonna tar-Rużarju. Filwaqt li dwar it-talba ta' Triq 29 ta' Mejju 1592 kien ser jitlob lit-TM aktar informazzjoni għaliex fl-ittra mibgħuta lilna mill-istess TM ma kienx hemm bizzejjed dettalji sabiex il-Kunsill setgħa jiddeciedi.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-18.20pm.*

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bins il-ħodor kienu tqassmu minn ġewwa l-garaxx tal-Kunsill mill-ħaddiema li għandna assenjati magħna taħt l-iskema CWS. Sadanittant żied jgħid is-Sindku li ladarba naslu għal bins l-oħra l-kbar kien qed jissuġġerixxi li dawn ma jitqassmux mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament mas-Sindku. Skeda tal-ġbira ta' skart organiku

**xxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-tieni ġabra tat-tessuti bieb bieb minn Malta Textile kellha ssir nhar it-Tlieta 11 ta' Diċembru 2018 mill-5.00pm 'il quddiem. Ġbir tat-tessuti

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu tneħħew li l-iskips ta' wara l-iskola. Skips wara l-knsija Parrokkjali

**xxiv.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar il-proposta li fi triq San Franġisk f'area li imhix mibnija, jittella' monument għad unur l-Iskultur Renzo Gauci kien kellem lill-Perit tagħna u li dan kien qallu li ma kienx hemm problemi. Sadanittant is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ġab il-kwotazzjoni kemm kien ser jiswa l-bust bħala bronz biss li din kienet tammonta għall- Monument – Renzo Gauci

€6000. Qal ukoll li kien avviċina lill-familjari biex jagħtuh ritratti. Żied jispjega s-Sindku li ħabba l-embellishment taz-zona per se il-Viċi Sindku kien tkellem mal-Ministeru tat-Turiżmu fejn dawn anke ltaqgħu miegħu bħala Sindku u offrew li jagħmlulna x-xogħol huma. Kompla jispjega s-Sindku li kien ġie il-kappillan li wkoll kien wera x-xewqa li jagħmel xi ħaġa bħala knisja.

**xxv.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Lawrence Bonavia kien għal darboħra ta l-injections kontra l-influwenza lill-madwar 100 persuna. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Bonavia li għal darb'oħra kien offra dan is-servizz b'xejn għal ġid tal-Komunita' Tarxiniża. Injections Influwenza

**xxvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet spjega mingħand is-Sur Ray Abela tat-TCTC. Proposta TCTC

**xxvi.i** Saret diskussjoni dwar dan mill-Kunsill fejn kien hemm qbil unanimu li jsiru l-korsijiet proposti imma li kellha ssir spjega sewwa lill-individwi li kienu ser japplikaw għal dawn il-korsijiet dwar il-ħlasijiet involuti.

**xxvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand familjari tal-Avukat Dr Joseph F. Cassar Galea sabiex il-Kunsill isemmi triq għalih. Il-Kunsill ddiskuta dan il-każ u ġie deċiż li ninfurmaw lil din il-familjari li l-Kunsill kien ħa nota tat-talba tagħha u fil-każ li xi darba tinqala l-possibilta' din kienet ser tiġi kkunsidrata. Proposta Isem tat-Triq

**xxviii.** Talba mill-Iskola Sekondarja ta' Santa Lucija li kienu qed jorganizzaw attivita "Milied Malti" nhar is-17 ta' Diċembru 2018 sabiex nqassmulhom poster sabiex anzjani u pubbliku in ġenerali jattendi. Il-Kunsill qabel li jitqassem dan il-poster. Poster "Milied Malti"

**xxix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna ridna niddiskutu l-Performance Appraisal tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar dawn il-ħaddiema wkoll kienet saret laqgħa mal-Fondazzjoni CWSEF u RSSL. Saret diskussjoni mill-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li dawn il-ħaddiema jingħataw marka sodisfaċenti li kienet ta' 6 punti minn 10. Performance Appraisal ħaddiema assenjati mal-Kunsill

**xxx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fix-xahar ta' Diċembru kellha ssir il-Laqgħa Pubblika. Saret diskussjoni dwar dan u kien hemm qbil li din il-laqgħa ssir nhar it-TNEJN 17 TA' DIĊEMBRU 2018 fl-4:30pm u wara fil-5:30pm ssir il-laqgħa tax-xahar tal-Kunsill.

## 88.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

## 88.5 Rapporti

**i.** Ma kienx hemm Rapporti x'jiġu mressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill waqt din il-laqgħa.

**88.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

i. Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.73/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**88.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**88.8 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**88.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7.20PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru 2018 fil-5.30pm.

__________________________

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

__________________________

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**